# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

**IL-HAMES GIMGHA**

**12“Iżda mqar issa, oraklu tal-Mulej, erġgħu duru lejja b'qalbkom kollha, bis-sawm, bil-biki u bl-ilfiq; 13ċarrtu qalbkom, u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom, hu twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla, u kollu tjieba; u jisgħobbih għall-ħażen. (Goel kap 2)**



Gewwa l-isptar hemm diversi swali ta’ stennija: sala ta’ stennija biex tara tabib, sala ta’ stennija biex tistenna ir-rizultati tat-testijiet, sala ta’ stennija biex tara lil gheziez tieghek wara operazzjoni u tant u tant swali ohra. Gewwa sala ta’ sptar il-hajja u mewt huma mdendla f’mizien.

Fil-vangelu nsibu storja ta’ mara li nqabdet fil-fatt tikkommetti adulterju u din il-grajja toffri ezempju ta’ kif il-hajja u l-mewt huma mdendla f’mizien.

Gabuha quddiem Gesu', u kienu l-Iskribi u l-Farizej li akkuzawha. Filwaqt li l-ligi kienet titlob li tkun mhaggra ghall-mewt, huma jistaqsu lil Gesu' x'ser jaghmlu biha. Ilkoll nafu t-twegiba familjari li tahom Gesu': "Min ma ghandux dnub jitfaghalha l-ewwel gebla." Imma qatt hsibna kemm kien mument ta' tbatija u agunija ghal din il-mara, wiccha ma' l-art, tistenna li thoss l-ewwel daqqa ta' gebla?

Gesu' jhares harsa ta' hniena u moghdrija lejn din il-midimba pubblika u ma jzeblahiex bhalma riedu l-Iskribi u l-Farizej, anzi ta' mghallem kollu tjubija, talabha biex tindem minn dnubietha. Maghna juza l-istess kejl ta' imhabba u mahfra; jitlob minna li nindmu mill-hazen taghna u nibdew pagna gdida.

L-istagun tar-Randan joffrilna paragun simili waqt periodu ta' stennija: inkunu qed nistennew li l-kesha tax-xitwa tnin u xewqana nistennew ghal dik ix-xemx tar-rebbiegha, filwaqt li liturgikament Gesu' jistenna li jghaddi minn vjagg ta' tbatija biex tlett ijiem wara jqum mill-imwiet u johrog rebbieh fuq il-mewt. Tassew li bosta drabi ahna nghaddu minn zmien ta' stennija. Mhux biss izda kull min minna ghadda min zmien ta' stennija jaf sew kemm dawn il-mumenti huma mumenti ta' tortura u kemm zmien bhal dan tarah ma jispicca qatt. Li tistenna tista' thossu qisu eternita'.

Imma nafu wkoll li dawn il-mumenti ta’ stennija joffrulna mumenti ta’ bidla. Hekk kif nersqu lejn il-qabar ta’ Kristu, imhejjija ghall-bidla,  nhossu li fina dahal nifs gdid ta’ konverzjoni, ta’ grazzja gdida, ta’ hajja qaddisa.

KIF ALLA QED ISEJJAHLEK BIEX IDDUR LEJH, HU LI HUWA TA’ QALB HANINA U KOLLU MOGHDRIJA?